REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 621/2010

tat-3 ta' Ġunju 2010

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd taħt il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ftehim ta' Sħubija ġdid dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon (minn hawn 'il quddiem "Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd") ġie inizjalat fis-26 ta' Settembru 2009.

(2) Il-Kunsill fit-3 ta' Ġunju 2010 adotta d-Deċiżjoni 2010/397/UE [1] dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid dwar is-Sajd.

(3) Il-metodu għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri għandhom ikunu ddefiniti għal matul il-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid dwar is-Sajd kif ukoll għall-perijodu tal-applikazzjoni proviżorja tiegħu.

(4) Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu u għandu japplika mid-9 ta' Ottubru 2009,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti fil-Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon għandhom jiġu allokati fost l-Istati Membri kif ġej:

— Sajd għat-tonn bit-tartaruni mgħammra bi friżer:
Spanja: 75 % tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli

Franza: 25 % tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli

2. Jekk l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet tas-sajd mill-Istati Membri msemmijin fil-paragrafu 1 ma jkoprux l-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti bil-Protokoll, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet tas-sajd minn kwalunkwe Stat Membru ieħor.

3. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd u tal-Protokoll, għandu japplika r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità [2].

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-9 ta' Ottubru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-3 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kunsill
Il-President
A. PÉREZ RUBALCABA

[1] Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

[2] ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33.